MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 542/2001/1

**Grazia De CESARE**

**vs**

**Joe CANNATACI, bħala *Chairman*, Michael Sant bħala Direttur u Joe Schiro' bħala *director of studies* għan-nom u in rappreżentanza tal-Malta Centre for Restoration**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-4 ta' April, 2001, li bih l-attriċi ippremettiet;

Illi l-attriċi kienet ġiet impjegata bħala għalliema tar-restawr tal-pittura mal-Malta Centre for Restoration, u dana mill-perjodu tad-29 ta' Settembru 2000 sal-aħħar ta' Settembru 2001, bil-paga annwali ta' Lm1,800 fix-xahar, u għalhekk bil-paga ta' Lm21,600 fis-sena.

Illi fl-14 ta' Marzu 2001 il-Malta Centre for Restoration informa lill-attriċi illi kien sejjer jagħmel struttura tas-salarju ġdida sa mill-1 t'April 2001.

Illi dina l-iskrittura kienet tfisser illi l-attriċi ser tirċeva Lm15,200 fis-sena u għalhekk il-paga tagħha kienet ser tiġi ridotta sostanzjalment.

Illi tali struttura fil-paga ma tistax tiġi imposta unilateralment miċ-Ċentru mingħajr aċċettazjoni tal-impjegata; liema aċċettazjoni ma ngħatatx.

Illi tali deċiżjoni unilaterali u arbitrali taffettwa lill-attriċi, u fil-fatt hija rottura tal-kuntratt ta' impieg u saħansitra tfisser terminazzjoni tal-istess, stante in-non aċċettazzjoni da parte tal-impjegata, u inoltre tikkaġuna danni lill-attriċi.

Għaldaqstant, l-attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi kien jeżisti bejn il-partijiet il-kuntratt ta' impieg kif fuq premess u ċioe illi l-attriċi kienet impjegata bħala għalliema maċ-ċentru mill-perjodu tal-1 ta' Ottubru 2000 sal-aħħar ta' Settembru 2001, bil-paga ta' Lm1,800 fix-xahar;

2. Tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda unilateralment u arbitrarjament mill-konvenut li jbiddel l-istruttura ta' paga sa mill-1 t'April 2001, tfisser rottura tal-kuntratt ta' impieg sa mill-1 t'April 2001;

3. Tiddikjara li tali deċiżjoni taċ-Ċentru tikkaġuna, u kkaġunat dannu lill-attriċi;

4. Tillikwida d-danni kkaġunat lill-attriċi, liema dannu jista' jiġi wkoll ikkonsidrat bħala ammont skond il-Conditions of Employment Regulations Act, u ċioe' li jammontaw għall-nofs il-paga għall-perjodu mhux skadut tal-kuntratt.

Bl-imgħax mill-1 t'April 2001 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attriċi, flimkien mal-ħames (5) dokumenti mressqin magħha;

Rat in-Nota mressqa fis-7 ta' Mejju, 2001, li biha l-imħarrkin *nomine* eċċepew;

1. Illi l-isem tal-konvenut Joseph Cannataci nomine huwa miktub ħażin fiċ-ċitazzjoni istitwita mill-attriċi billi ma jeżisti ebda Joe Cannatacci fl-istituzjoni konvenuta;

2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-konvenuti Michael Sant u Joe Schiro' għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju billi huwa ma humiex awtorizzati mill-istatut taċ-Ċentru Malti tar-Restawr biex jirrapreżentaw lill-istess Ċentru;

3. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attriċi ma kellha ebda kuntratt ta' impjieg, la verbali u lanqas bil-miktub maċ-Ċentru Malti tar-Restawr u dan għax l-istess attriċi meta ġiet offruta li tiffirma l-kuntratt (anness mill-istess attriċi (Dok. A)) hija irrifjutat diversi drabi li tiffirma dan il-kuntratt għall-żewġ raġunijiet (a) illi hija riedet tara l-pożizzjoni tal-ħlas tat-taxxa hawn Malta (kif stipulat fil-kuntratt Dok. A) ma xi konsulenti finanzjarji tagħha u (b) billi hija ma rieditx li tintrabat maċ-Ċentru Malti tar-Restawr għall-perijodu definittiv għaldaqstant ma kien hemm f'ebda mument l-aċċettazjoni neċessarja da parti tal-istess attriċi għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' impjieg la għall-perijodu definittiv u lanqas ta' wieħed ta' perijodu indefinit (dan kif ikkonfermat fl-ittra tal-attriċi datata 19 ta' Frar 2001 (Dok. B preżentata mill-attriċi) fejn l-attriċi (a) tikkonferma li ma aċċettatx il-kundizzjonijiet tal-abbozz tal-kuntratt (Dok. A) u (b) tiddetta unilateralment kundizzjonijiet ġodda fosthom li titħallas biss għall-ġranet li taħdem fihom u li jiżdiedu l-ispejjeż tal-vjaġġi);

4. Ill mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-relazzjoni tal-attriċi maċ-Ċentru Malti tar-Restawr ġiet itterminata unilateralment mill-attriċi u mhux miċ-Ċentru u għalhekk iċ-Ċentru Malti tar-Restawr ma ikkaġuna ebda danni lill-attriċi. Illi meta l-attriċi ġiet infurmata bl-iskema tal-ħlasijiet ġodda (ittra tal-14 ta’ Marzu 2001 – Dok. JAC1 anness) hija kienet ġiet mogħtija l-għażla (a) li tiffirma kuntratt għall-perijodu definittiv jew alternattivament u dan speċjalment għall-dawk li ma riedux jintrabtu b’kuntratt t’impjieg għall-perijodu definittiv (b) kellha tagħti data sa meta hija kienet ser tibqa’ tagħti s-servizz tagħha liċ-Ċentru Malti tar-Restawr. Illi ċ-Ċentru Malti tar-Restawr billi fl-ebda mument ma ried illi l-istudenti li qegħdin jiġu mgħallma f’dan iċ-Ċentru jiġu f’sitwazzjoni li ma jistgħux jiġu mgħallma bl-ebda mod ma ipprova jittermina r-relazzjoni li kien hemm mal-attriċi. Illi għandu jingħad ukoll li ċ-Ċentru Malti għar-Restawr tant ma xtaqx li jiġu tterminati r-relazzjonijiet mal-attriċi li ta’ estenjoni ta’ ġimgħa lill-attriċi biex tiddeċiedi x’tixtieq tagħmel (u dan kif ikkonfermat permezz ta’ ittri datata 29 u 30 ta’ Marzu 2001 – Dok. JAC2 u JAC3 – mibgħuta lill-konsulent legali tal-attriċi);

5. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-paga netta tal-attriċi li kieku din għażlet li tiffirma l-abbozz tal-kuntratt offrut lilha ma kenitx dik ikkwotata mill-attriċi fiċ-ċitazzjoni iżda kienet ser tkun ta’ ħmistax il-elf, erba’ mija u sitta u tmenin Lira Maltin (Lm15,486) għall-kuntratt ta’ sena jekk l-attriċi kienet ser tħallas l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali ġewwa l-Italja u tlettax il-elf, tlett mija u sitta u għoxrin Lira Maltin (Lm13,326) għall-kuntratt ta’ sena jekk il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali kellhom jiġu mħallsin hawn Malta (u dan kif kien ikkonfermat lill-attriċi permezz ta’ e-mail datat 4 ta’ Settembru 2000 – Dok. JAC4 anness);

6. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-iskema l-ġdida tal-ħlasijiet imneda miċ-Ċentru Malti tar-Restawr u bl-offerta li għamel iċ-Ċentru Malti tar-Restawr lill-attriċi, l-attriċi ma kienx ser jitnaqqsilha ebda benefiċċju iżda kien hemm potenzjal li fil-fatt tiżdied u għalhekk iċ-

Ċentru f’ebda mument ma ikkaġuna jew kien ser jikkaġuna xi dannu lill-attriċi;

7. B’riserva għall-eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin *nomine*, flimkien mal-erba’ (4) dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta’ Mejju, 2001, li bih awtorizżat il-bdil ta’ kunjom l-imħarrek Cannataċi;

Rat il-provi mressqin mill-partijiet, magħduda dawk dokumentali;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degrieti tagħha tas-7 ta’ Mejju, 2004, tat-28 ta’ Ottubru, 2004, tad-9 ta’ Diċembru, 2004, u tal-10 ta’ Marzu, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta’ ksur ta’ kuntratt u ħlas ta’ danni. L-attriċi tgħid li kellha kuntratt ta’ servizz għal żmien li jagħlaq maċ-Ċentru mħarrek li, minn rajh u bla qbil magħha, bidel il-kundizzjonijiet tal-ingaġġ (ir-rati ta’ ħlas) li hija kienet qegħda tgawdi sa dak iż-żmien;

Illi għal din l-azzjoni, ċ-Ċentru mħarrek laqa’ billi qal li ma kien hemm l-ebda kuntratt ta’ mpieg mal-attriċi għaliex hija baqgħet ma riditx tiffirma l-abbozz li kienet ingħatat. Iżid jgħid li kienet l-attriċi li telqet mis-servizz u bl-ebda mod ma kienet ġarrbet xi ħsara jew dannu bil-proposti l-ġodda mressqin lilha mill-istess Ċentru;

Illi mill-atti tal-kawża joħorġu dawn il-fatti ewlenin. L-attriċi hija taljana, ikkwalifikata fl-arti tar-restawr. Għall-ħabta ta’ Ġunju tal-2000, l-attriċi, flimkien ma’ oħrajn, saritilha

intervista f'Ruma dwar il-possibilita' li taħdem għaċ-Ċentru[1]. Hija ġiet offruta kuntratt ta' mpieg maċ-Ċentru Malti tar-Restawr[2]. Uriet il-ħajra li tibda taħdem maċ-Ċentru, iżda, qabel tintrabat, riedet xi kjarifiki u wriet ix-xewqa wkoll li tagħmel xi bidliet f'dak li ġie lilha offert[3]. Bdiet tagħti s-servizzi tagħha liċ-Ċentru sa minn Ottubru tal-2000, iżda baqa' ma ġiex iffirmat l-ebda kuntratt bejnha u ċ-Ċentru. Kienet titħallas l-istess rata li kienet ġiet proposta lilha fil-kuntratt, jiġifieri elf u tmien mitt lira Maltin (Lm 1,800) kull xahar[4];

Illi, għall-ħabta ta' nofs Frar tal-2001[5], hija bagħtet tgħarraf liċ-Ċentru li xtaqet li l-ħidma tagħha didattika tkun imqassma fi żminijiet partikolari u li titħallas skond il-jiem ta' servizz li hija effettivament tagħti liċ-Ċentru. Min-naħa tiegħu, sadattant, iċ-Ċentru kien ingħata kjarifika mill-awtoritajiet dwar il-pożizzjoni fiskali tal-għalliema taljani li kellu ingaġġati miegħu u, f'Marzu tal-2001[6] ċ-Ċentru ħabbar skali ġodda ta' ħlas għalihom. B'ittra tat-30 ta' Marzu, 2001[7], mibgħuta lill-avukat tal-attriċi, iċ-Ċentru talab li sas-19.30 ta' dak inhar stess, l-attriċi (u persuna oħra li m'hijiex parti f'din il-kawża) kellha tiddikjara x'għamla ta' ingaġġ kienet qegħda taċċetta skond l-iskali l-ġodda u t-tul ta' żmien li kienet lesta li tidħol għalih. Il-kawża nfetħet fl-4 ta' April, 2001;

Illi ewlenija fost il-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> li jsawru dan il-każ hija d-determinazzjoni tal-għamla ta' rabta li kellha l-attriċi maċ-Ċentru mħarrek. L-attriċi tisħaq li hija kellha rabta ta' impieg għal żmien determinat, u dan bis-saħħa ta' kuntratt. Iċ-Ċentru jiċħad dan għaliex jgħid li l-attriċi baqgħet ma aċċettat qatt il-kuntratt offrut lilha tant li qatt ma iffirmatu;

Illi l-liġi tagħna (u dan jgħodd ukoll għaż-żmien li jinteressa l-kawża) tipprovdi li l-kuntratt ta' mpieg jew ta' servizz ikun jew għal żmien miftuh (indefinit) jew għal żmien

---

[1] Xhieda ta' Dr Joe Cannataci 15.3.2002, f'paġ. 63 tal-proċess
[2] Dok "A", f'paġġ. 5-8 tal-proċess
[3] Dok "JC1", f'paġ. 48 tal-proċess
[4] Dok "D", f'paġ. 12 tal-proċess
[5] Dok "B", f'paġ. 9 tal-proċess
[6] Dok "JAC1", f'paġġ. 25-7 tal-proċess
[7] Dok "JAC3", f'paġ. 31 tal-proċess

determinat (miftiehem minn qabel). Tgħid ukoll li kuntratt ta' mpieg jew ta' servizz m'għandux għalfejn ikun bil-miktub, għaliex ir-rabta sseħħ ukoll jekk ikun imqar bil-fomm[8]. Il-liġi tisħaq biss fuq "ftehim...f'kull għamla li tkun", liema ftehim, naturalment, ikun mistenni li jirregola l-"kundizzjonijiet tal-impieg" ta' dak li jkun. Meta mbagħad jiġi mfisser x'ikun kuntratt ta' servizz għal terminu ta' żmien fiss, wieħed isib li b'dan wieħed jifhem "kuntratti ta' servizz maqbulin bejn il-prinċipal u l-impjegat li fihom tmiem il-kuntratt hu determinat meta tintlaħaq data speċifikata, meta tintemm biċċa xogħol speċifika, jew bl-okkorrenza ta' avveniment speċifiku"[9];

Illi mkien ma jinsab stabilit fil-liġi li kuntratt ta' mpieg għal żmien definit irid ikun bil-miktub, iżda hija l-prattiċita' li titlob li hekk għandu jkun, l-iżjed minħabba li, ġeneralment, ikun hemm fih patti partikolari li jmorru lil hinn mill-kundizzjonijiet "ġenerali" li jirregolaw lill-impieg. Jista' jingħad ukoll li l-liġi tħares kuntratt ta' servizz jew impieg għal żmien determinat u kuntratt ta' mpieg jew servizz għal żmien miftuħ bl-istess kejl: tagħraf bejnhom biss f'dak li għandu x'jaqsam mat-temm tagħhom u l-effetti li jitnisslu mit-temm tagħhom[10];

Illi huwa mgħallem li "*where it is agreed that the employment is to (an) end when a particular job (e.g. a course of lectures by a lecturer) has been completed this is a fixed term contract, and when it expires without being renewed under the same contract the employee has been 'dismissed'.*"[11] Dan qiegħed jingħad biex jintwera sa liema parametri għandu wieħed iħares biex jiddetermina n-natura vera tar-rabta li, għal numru ta' xhur, kien hemm bejn l-attriċi u ċ-Ċentru mħarrek;

Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-każ preżenti jikkostitwixxi "tilwima ta' xogħol" għall-finijiet tal-liġi u dan relattivament għall-kwestjoni bejn l-attriċi u ċ-Ċentru li lilu kienet tagħti servizz rigwardanti pattijiet u kundizzjonijiet

[8] Tifsira ta' "*kuntratt ta' servizz*" f'art. 2 tal-Kap 452
[9] Reg. 2(1) tal-A.L. 429/02 (li jimplimenta d-Direttiva tal-U.E. Nru. 81 tal-1997)
[10] Art. 36(8) sa (12) tal-Kap 452
[11] Hepple & O'Higgins Employment Law (3rd Edit), par. 494, paġ. 216

tal-impieg tagħha[12]. Minħabba f'din it-tilwima, għalhekk, "impieg" jitqies li tinkludi "kull relazzjoni li biha persuna tkun taħdem jew tagħmel xi servizz għal persuna oħra"[13]. Il-liġi tqis bħala "impjegat" kull persuna li tkun għamlet jew taħdem taħt kuntratt ta' servizzjew li tkun intrabtet personalment li tagħmel xi xogħol jew ħidma għal ħaddieħor, u taħt id-direzzjoni u l-kontroll immedjat ta' persuna oħra, ... iżda teskludi xogħol jew servizz mogħti fi sfond professjonali jew bħala kuntrattur għal persuna oħra meta dak ix-xogħol jew servizz ma jkunx regolat mjinn kuntratt ta' servizz speċifiku";

Illi l-Qorti ma tistax taċċetta s-sottomissjoni tal-għaref difensur taċ-Ċentru mħarrek li, ladarba l-attriċi baqgħet ma iffirmat qatt l-abbozz ta' kuntratt offrut lilha, allura dan ifisser li ma kienx hemm rabta ta' impieg bejnu u bejnha. Dan ikun ifisser xenarju assurd fejn persuna qegħda tintalab tagħti, u fil-fatt tagħti, servizz għall-benefiċċju ta' ħaddieħor u taħt id-direzzjoni tiegħu, u fl-istess waqt jiġi aċċettat is-servizz tagħha bla ma jingħata għarfien li dak is-servizz huwa mpieg. Dik is-sottomissjoni, mbagħad, ma tissarraf fl-ebda siwi meta jitqies li l-attriċi kienet tirċievi ħlas kull xahar. Mhux mifhum b'liema jedd l-attriċi kienet tirċievi dak il-ħlas jekk mhux minħabba r-rabta kuntrattwali ta' servizz li hija kellha maċ-Ċentru mħarrek. Minkejja l-wegħda magħmula mid-Direttur taċ-Ċentru[14], li kellu jitressaq wieħed Louis Borġ biex jagħti tagħrif lill-Qorti dwar l-ingaġġ tal-attriċi, tali xhud ma tressaq qatt. Il-Qorti tista' b'xi mod tapprezza li ċ-Ċentru kien ħerqan li, fl-aħjar interessi talistudenti tiegħu, jaċċetta li jibda jieħu s-servizzi tal-attriċi qabel ma jkun hemm rabta formali dwar l-ingaġġ tagħha, iżda ma tistax taċċetta li mbagħad wieħed jaġixxi daqslikieku ma kien hemm rabta ta' xejn fuq sempliċi nuqqas ta' firma tal-kuntratt;

Illi, min-naħa l-oħra, u sewwasew għaliex bejn il-partijiet ma tnisslitx iċ-ċertezza tas-siġill formali ta' kuntratt iffirmat miż-żewġ naħat, il-Qorti jkollha tqis ukoll l-atteġġament tal-attriċi **matul iż-żmien effettiv tal-ingaġġ tagħha u**

---

[12] Par (a) tat-tifsira ta' "*tilwima ta' xogħol*", f'art. 2 tal-Kap 452
[13] Tifsira ta' "*impieg*", f'art 2 tal-Kap452
[14] Xhieda ta' Dr. Joe Cannataċi 27.5.2002, paġġ 71-3 tal-proċess

**waqt l-għoti tas-servizz tagħha** liċ-Ċentru mħarrek. Dan qiegħed jingħad għaliex, kif sewwa ġie rilevat mid-difensur taċ-Ċentru mħarrek, l-imġiba tal-attriċi matul iż-żmien li kienet qegħda tagħti s-servizz bħala għalliema kien wieħed fejn konsistentement irrifjutat dak li kien propost lilha fil-kuntratt. Mill-provi jirriżulta li l-attriċi riedet isserraħ moħħha – kif kellha kull jedd li tagħmel – dwar ċerti kundizzjonijiet fiskali li setgħet tintrabat bihom qabel ma taċċetta li tiffirma l-kuntratt. Meta l-pożizzjoni fiskali tagħha ġiet determinata bil-kjarifiki dwar kif il-ftehim dwar ħelsien ta' taxxa doppja bejn Malta u l-Italja kien jolqotha, u ċ-Ċentru mħarrek ried jirregolarizza l-pożizzjoni tal-impjegati taljani taċ-Ċentru, l-attriċi qisithom bħala kundizzjonijiet agħar minn dawk li kellha qabel. Jirriżulta wkoll li l-attriċi, minn jeddha, ipproponiet li jkun hemm bidliet fondamentali fil-kwalita' tar-rabta tagħha ta' xogħol maċ-Ċentru mħarrek. Dawn il-proposti ressqithom fi Frar tal-2001, jiġifieri mal-erba' xhur wara li bdiet tagħti s-servizz liċ-Ċentru. Għalkemm hija tgħid li dawn il-proposti kienet qegħda tagħmilhom fuq il-bażi ta' "dialoghi intercorsi", ma jidhirx li kien xi ħadd miċ-Ċentru li ipproponihom, tant li ċ-Ċentru wera stagħġib għalihom[15]. Fuq kollox, meta ċ-Ċentru impona terminu (*deadline*) biex l-attriċi tiddikjara liema arranġament kienet sejra taċċetta, din mexxiet bil-ftuħ tal-kawża, wara li jidher li iddikjarat li kienet se' titqies imkeċċija mill-impieg tagħha b'seħħ mill-1 ta' April, 2001[16];

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti li joħorġu mill-atti, il-Qorti tasal għall-fehma li, għar-rigward tal-patti miftehma fl-abbozz ta' kuntratt offrut lill-attriċi, kien hemm nuqqas ta' ftehim b'mod materjali dwar uħud mill-kundizzjonijiet magħrufa ewlenin tal-impieg tagħha (jiġifieri l-paga u ż-żmien) li jwasslu biex ma jistax jintlaqa' li, fiċ-ċirkostanzi li irriżultaw, l-attriċi kienet ingaġġata maċ-Ċentru b'rabta ta' kuntratt għal żmien definit. Il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li r-rabta kienet waħda ta' impieg għal żmien mhux definit li, sa dak inhar li ntemmet, kienet qabżet iż-żmien tal-prova (skond il-liġi kif kienet fis-seħħ fiż-żmien rilevanti[17]);

---

15 Dok "Ċ", f'paġġ. 10-1 tal-proċess
16 Dok "JAC2", f'paġġ. 28-9 tal-proċess
17 Art. 34(1) tal-Kap 135

Illi dan l-istat iġib l-effett li ma japplikawx ir-regoli dwar il-ħlas ta’ temm qabel iż-żmien kif jaħseb l-artikolu 36(11)[18] tal-Kap 452, iżda jqiegħed fis-seħħ id-dispożizzjonijiet l-oħrajn relattivi għal temm ta’ kuntratt ta’ impieg għal żmien indefinit. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, dan kien jintitola lill-attriċi għall-ħlas ta’ *notice money*. Fil-każ tal-attriċi, u meqjus iż-żmien li hija kienet ilha taħdem maċ-Ċentru mħarrek, dan iż-żmien kien jintitolaha għal *notice money* fl-ammont ta’ ġimgħa paga[19]. Dan kollu jingħad bla ebda riferenza ta’ xejn dwar jekk it-temm tal-impieg tal-attriċi kienx jikkostitwixxi tkeċċija għal raġuni ġusta u tajba biżżejjed (materja li dwarha l-liġi kienet u għadha tagħti lit-Tribunal Industrijali ġurisdizzjoni esklussiva biex tistħarreġ), jew jekk fil-fatt kinitx l-attriċi li abbandunat ix-xogħol bi qbil li ma taċċettax li tintrabat formalment maċ-Ċentru mħarrek;

Illi peress li l-ammont ta’ ħlas ta’ *notice money* jiddependi minn jekk il-ħaddiem jagħżilx li jaħdem dak iż-żmien (f’liema każ, ikollu l-jedd li jitħallas in-*notice money* kollu) jew jekk jagħżilx li jitlaq minnufih (f’liema każ, ikollu jedd għal nofs tali ħlas mingħand l-imgħallem tiegħu), il-Qorti qegħda tqis li tagħti l-ammont sħiħ la ma ntweriex li l-attriċi ma reġgħetx daħlet aktar għax-xogħol;

Illi għar-rigward tat-talbiet tal-attriċi dwar id-danni, jingħad fir-raba’ talba, li dawn id-danni hija tqishom fid-dawl tal-kumpens li l-liġi kienet tagħtiha għat-temm tal-impieg. Min-naħa tiegħu, ċ-Ċentru mħarrek iddikjara li l-kundizzjonijiet il-ġodda proposti mhux talli ma kinux sejrin jgħarrqu l-qagħda finanzjarja tal-attriċi, imma kienu jtejbuhielha kieku aċċettat il-kundizzjonijiet il-ġodda. Kif ingħad, u fil-fehma li waslet għaliha l-Qorti, il-kumpens li l-liġi dak iż-żmien fis-seħħ kienet tagħti lill-attriċi kien il-ħlas dovut bħala *notice money*. Mill-prova waħdanija li tressqet dwar il-ħlas effettiv li l-attriċi kienet tirċievi, din il-ġimgħa *notice money* li kienet intitolata għaliha kienet kwart tal-paga li ntwera li kienet tirċievi kull xahar, jiġifieri kwart ta’ Lm 1800. Dan, għalhekk, huwa l-ammont ta’

[18] L-art. 34(11) tal-Kap 135

[19] Art. 34(5)(a) tal-Kap 135, illum mibdul bl-artikolu 36(5)(a) tal-Kap 452

kumpens li qiegħed jiġi likwidat minħabba t-temm tal-impieg tal-attriċi;

Illi għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni, l-Qorti tgħid li mhux il-każ li l-imħarrkin Sant u Schiro' jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, u dan għaliex huma ma tħarrkux fil-kwalita' tagħhom personali, iżda fi kwalitajiet partikolari tal-ħatriet u karigi li huma kellha fi ħdan iċ-Ċentru mħarrek, li kien, fil-fehma tal-Qorti, il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħd a tiddeċiedi billi:

Tiddikjara eżawrita l-**ewwel eċċezzjoni**, fid-dawl tad-degriet mogħti fit-23 ta' Mejju, 2001;

Għall-finijiet tal-**ewwel talba attriċi**, jiġi dikjarat li bejn l-attriċi u ċ-Ċentru mħarrek kien hemm rabta ta' mpieg għal żmien mhux definit;

Għall-finijiet tat-**tieni, t-tielet u r-raba' talbiet attriċi** tillikwida s-somma ta' erba' mija u ħamsin lira Maltija (Lm 450) bħala ammont ta' *notice money* dovut lill-attriċi minħabba t-temm tal-ingaġġ tagħha mill-impieg maċ-Ċentru mħarrek, u tikkundanna lill-istess Ċentru jħallasha l-imsemmi ammont; u

**Tikkundanna** liċ-Ċentru mħarrek iħallas l-ispejjeż tal-kawża, u l-imgħax legali fuq is-somma ta' kumpens likwidata b'din is-sentenza, b'effett millum sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------